**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 30 ta' Jannar , 2025**

**Kawża Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 546/2024 JVC**

**PITTY'S RENT-A-CAR LIMITED**
[CO. REG. NRU C 9294]
**U**
**NOEL SCICLUNA**
(KI NRU. 244470M)
U
**LAWRENCE SCICLUNA**
(KI NRU. 244043M)

**-VS-**

**LOUIS SCICLUNA**
(KI NRU. 40267M)
**U**
**MARISA SCICLUNA**
(KI NRU. 437168M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu r-rikorrenti **Pitty's Rent-A-Car Limited** [Co. Reg. Nru C-9294] et talbu kif isegwi:

1. 'ILLI l-kumpannija attrici topera fil-qasam t' kiri ta' veikoli u servizzi ohra ancillari u dan sa mis-sena 1987.

2. ILLI l-amministrazzjoni u l-gestjoni tal-kumpanijja attrci kienet originarjament f'idejn uliedu Noel Scicluna u l-konvenut Louis Scicluna, b'dan tal-ahhar jiehu r-riedni tal-gestjoni gurnaljiera u tat-tmexxija generali tal-kumpannija b'mod kwazi assolut.

3. ILLI l-konvenut, Louis Scicluna, bhala direttur tal-kumpanija attrici kien jiehu hsieb it-tmexxija tal-kumpanijja attrici u, *inter alia*, jiehu hsieb anke l-aspett finanzjarju ta' l-istess. Jigi spjegat li l-bankiera tal-kumpanijja attrici kien l-HSBC Bank Malta plc u l-istruzzjonijiet mal-bank dwar cekkijiet mahruga mil-kumpannija kienu li jew dawn ikunu ffirmati minn Lawrence Scicluna biss jew altrimenti kellhom ikunu ffirmati konguntivament minn Noel u Louis Scicluna.

4. ILLI minhabba dak indikat iktar 'l isfel, l-imsemmi Louis Scicluna ittermina l-funzjoni tieghu, *inter alia,* bhala direttur tal-kumpannija attrici b'effett mill-5 ta' Dicembru, 2023 (vide **Dok: A** anness) u l-gestjoni u l-amministrazzjoni giornaljera taghha issa hi f'idejn huh l-attur Noel Scicluna.

5. ILLI fil-kors ta' tali amministrazzjoni da parti tal-konvenut Louis Scicluna – illi kif inghad kien jiehu hsieb il-finanzi tal-

kumpanijja attrici – fis-sena 2021 l-kumpanijja attrici intebhet illi kien hemm certu irregolaritajiet fl-amministrazzjoni retta tal-istess kumpanijja, *inter alia* Illi ghal perjodu konsiderevoli ta' snin, il-konvenut Louis Scicluna, minnflok kien qieghed ihallas it-taxxa fuq id-dhul u t-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) dovuti mill-kumpannija, hu kien qieghed idawwar dawn il-flus a beneficcju tieghu u/jew izommhom ghalih innifsu tant li halla l-kumpannija f'dejn konsiderevoli mall-Kummissarju tat-Taxxi.

6. ILLI f'tentattiv illi d-deskritta kwistjoni tigi sanata u radrizzata, fl-14 ta' Marzu, 2022 il-konvenut Louis Scicluna iffirma dikjarazzjoni quddiem l-Avukat Dr. Martin Fenech fejn iddikjara li kien ser jaghmel tajjeb ghal dan id-dejn in konnessjoni mat-taxxa fuq id-dhul u t-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) ghall-perjodu ta' bejn Dicembru, 2015 u Awwissu, 2021 (vide **Dok: B** anness). Nonostante dan, l-konvenut Louis Scicluna baqa' qatt ma kkonforma ruhu ma' l-obbligazzjoni minnu assunta u f'dan is-sens kontestwalment tnedew proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet »*Pitty Rent- a Cart Ltd v. Louis Scicluna u l-Kummissarju tat-Taxxi*« sabiex tali obbligazzjoni tigi rikonoxxuta u jkun hemm ordni t'ezekuzzjoni ta' l-assunta obbligazzjoni u ta' hlas ta' djun ohra.

7. ILLI lil hinn minn dan, meta hu l-konvenut, ossia Noel Scicluna, beda' jiehu hsieb il-gestjoni tan-negozju tal-kumpannija attrici, dan intebah li l-konvenut Louis Scicluna kien ukoll iffalsifika l-firma ta' l-istess Noel Scicluna fuq kwantita' konsiderevoli ta' cekkijiet tal-kumpanijja, liema

cekkijiet suppost kienu both to sign. Bosta minn dawn ic-cekkijiet gew uzati, *inter alia,* ghal ghanijiet personali ta' Louis Scicluna.

8. ILLI, fost hwejjeg ohra, bil-falsifikar tal-firma tal-attur Noel Scicluna, il-konvenut Louis Scicluna illecitament approprja ghalih ammonti ta' flus tal-kumpanijja attrici u uzahom lil hinn mil-kwalita' u/jew il-funzjoni tieghu bhala direttur ta' l-istess kumpannija u cioe' utilizza tali fond ghal skopijiet li jmorru lil hinn min-negozju ta' l-istess kumpanijja u rijentranti fl-isfera personali tieghu. L-ammont totali ta' cekkijiet iffalsifikati u c-cifri minnhom rizultanti u mdawwra ghal skopijiet personali tal-konvenut Louis Scicluna, ser jirrizultaw fil-kors ta' proceduri appoziti intavolati kontwetwalment quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *«Pitty Rent-a-Car Ltd et v. Louis Scicluna u Marisa Scicluna».*

9. ILLI kontestwalment mal-proceduri appena senjalati, giet imressqa kwerela kontra l-istess konvenuti konjugi Scicluna, inter alia, ai termini ta' l-Art. 183. L-Artt.293 u 294, l-Artt. 308, 309, u 310 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta] u kif ukoll taht l-Att Kontra Money Laundering [Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta] (vide **Dok: C** anness).

10. ILLI wara li l-konvenut Louis Scicluna gie rinfaccjat mill-kumpannija attrici b'dawn l-affarijiet, il-konvenuti konjugi Scicluna, b'kuntratt tat-30 ta' Jannar, 2023 fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Mifsud Bonnici, ghaddew biex itterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezistenti bejniethom u llikwidawha. B'tali kuntratt sebgha (7) proprjetajiet immobbli

(jigifieri l-proprjetajiet kollha mmobbli ghajr ghal nofs ir-residenza taghhom 28, Sunrise Apts, Flt 1, Triq il-Maghluq Marsascala), gew assenjati lill-konvenuta Marisa Scicluna flimkien mat-tlett (3) vetturi tagħhom mingħajr ebda proprjeta' in kontra-kambju u minghajr ebda spjegazzjoni gustifikanti. B'hekk il-konvenut Louis Scicluna, għajr ghal nofs l-appartament fejn jirrisjedu il-konvenuti konjugi Scicluna, ma fadallu xejn li jista' jaghmel tajjeb f'kaz li l-proceduri gudizzjarji fuq citati jigu decizi b'mod favorevoli ghall-atturi u sfavorevoli ghalih (*vide* **Dok: D** anness).

11. ILLi apparti li tali att sehh b'kolluzzjoni bejn il-konvenuti sabiex l-atturi jigu pregudikati, bl-imsemmi kuntratt tat-30 ta' Jannar, 2023 il-konvenut Louis Scicluna palezament ippeggjora l-posizzjoni finanzjarja tieghu u konsapevolment, bi hsara ghall-interessi ta' l-atturi, pogga lilu nnifsu f'qaghda insolventi u/jew konxjament dahal f'sitwazzjoni ta' 'minorata solvibilita'. Sa fejn mgharuf lill-atturi, il-konvenut Louis Scicluna ma' jippossjedi l-ebda assi ohra li fuqhom jistghu jigu eventwalment ezegwiti l-krediti li jafu jirrizultaw mill-proceduri gudizzjarji- sovra citati.

12. Illi l-episodji hawn fuq deskritti jikklassifikaw lill-konvenut Louis Scicluna bhala "debitur" di fronti ghall-atturi illi min-naha taghhom jaqghu fil-klassifikazzjoni ta' "kredituri" tieghu. Dan kollu l'ghaliex nonostante li fil-prezent m'hemmx kreditu pekunjarju fiss u accertat kontra l-imsemmi konvenut, hemm azzjoni dedotta kontrih ghall-adempiment ta' obbligazzjoni u istanza kontruh ghas-sejbien ta' ghemil illecitu u l-eventwali kundanna ta' hlas t'indenniz u/jew danni. Stante li tali agir, omissiv u kommissiv, kompjut mill-

konvenut Louis Scicluna hu ta’ pregudizzju u ta’ hsara ghall-interessi ta’ l-atturi, qed tigi esperita l-odjerna azzjoni.

13. ILLI l-istess identici episodji, kienu ben maghrufa mill-konvenuta l-ohra Marisa Scicluna, li hija mart l-istess Louis Scicluna. Fiha’ tirrikorri dik il-kolluzzjoni u dik il-komplicita’ li tirrikjedi azzjoni bhall dik *de quo* illi tirrendiha mhux biss konsapevoli izda anke komplici u kolpevoli ta’ agir illecitu, stante illi hi kkuntrattat negozju guridiku mad-debitur Louis Scicluna li huwa ta’ hsara ghall-jeddijiet u interessi tal-kredituri tieghu.

14. ILLI fid-dawl ta’ dak hawn fuq premess, kellha titressaq din il-kawza ai termini ta’ l-Art. 1144 tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet Malta] sabiex l-atturi jiksbu l-appoziti dikjarazzjonijiet gudizzjarji u l-konsegwenti rimedji.

**TALBIET**

**GHALDAQSTANT,** jghidu ghalhekk l-imharrkin ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra premessa mil-ligi u moghtija l-provvedimenti u dikjarazzjonijiet opportuni, joghgobha –

I. **TIDDIKJARA** illi l-att nutarili tat-30 ta’ Jannar, 2023 fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Mifsud Bonnici sehh bil-ghan li jigu ostakolati u/jew rezi fix-xejn l-interessi tal-parti attrici qua kreditrici ta’ Louis Scicluna;

II. **TIDDIKJARA** bhala null, ai termini tal-Art. 1144 tal-Kodici Civili, l-imsemmi att nutarili, b'mod li kollox imur ghall-istat *quo ante* ghall-istess att nutarili;

III. **TINNOMINA** Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' rexxissjoni u wkoll kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq tali att ta' rexxissjoni (bil-fakulta' u bil-koncessjoni illi tali zmien jista' jigi estiz u/jew rinnovat skond ic-cirkostanzi u l-htigijiet prevalenti);

IV. **TAGHTI u TAKKORDA** dawk il-provvedimenti kollha opportuni skond ir-rizultanzi tal-kaz a tenur tal-Ligi sabiex it-talbiet t'hawn fuq jigu ademputi u osservati.

**Bl-ispejjez** tal-prezenti proceduri kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, li qieghdin sa minn issa jigu ngunti in subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-Ligi kontra l-Konvenuti, jew minn minnhom.'

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Louis Scicluna et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, din il-kawza ntavolata mill-atturi hija konnessa ma kawzi ohra li gew intavolati mill-atturi stess, ossia Rikors Guramentat 547/2024AD fl-ismijiet Pitty's Rent-A-Car Limited et. Vs. Louis Scicluna et. u Rikors Guramentat 545/2024MS fl-ismijiet Pitty's Rent-A-Car Limited et. Vs. Louis Scicluna et., fejn sahansitra partijiet tar-

rikorsi guramentati huma prattikament identici, u ghaldaqstant stante li l-ezitu ta' dawk il-proceduri jimpingu direttament fuq il-mertu ta' din il-procedura odjerna, din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprasjedi l-proceduri odjerni sakemm jigu decizi l-proceduri l-ohra intavolati mill-atturi ossia Rikors Guramentat 547/2024AD fl-ismijiet Pitty's Rent-A-Car Limited et. Vs. Louis Scicluna et. u Rikors Guramentat 545/2024MS fl-ismijiet Pitty's Rent-A-Car Limited et. Vs. Louis Scicluna et.;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-atturi ghandhom iressqu prova cara dwar l-allegazzjonijiet maghmulha minnhom fil-premessi tar-rikors guramentat u dan in sostenn tat-talbiet taghhom;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti jigi eccepiet li l-kuntratt in kwistjoni u cioe l-kuntratt datat 30 ta' Jannar 2023 fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Mifsud Bonnici bejn il-konvenuti permezz ta' liema giet terminata u diviza l-komunjoni tal-akkwisti, sar legittimament ai termini tal-artikolu 1244 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li "*Wara ż-żwieġ, ir-raġel u l-mara jistgħu, bis-setgħa tal-qorti, ibiddlu l-ftehim tal-kitba taż-żwieġ, mingħajr ħsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta' terzi persuni.*";

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti jigi eccepiet li l-kuntratt in kwistjoni u cioe l-kuntratt datat 30 ta' Jannar 2023 fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Mifsud Bonnici bejn l-konvenuti permezz ta' liema giet terminata u diviza l-komunjoni tal-akkwisti, ma sarx b'qerq jew bi hsara tal-allegat jeddijiet tal-atturi jew bl-intenzjoni li

jigu defrawdati l-atturi, izda l-konvenuti ezercitaw biss dritt li taghtihom il-ligi;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-kuntratt in kwistjoni u cioe l-kuntratt datat 30 ta' Jannar 2023 fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Mifsud Bonnici bejn il-konvenuti, permezz ta' liema giet terminata u diviza l-komunjoni tal-akkwisti, ma sarx bi hsara ghall-interessi tal-atturi u ma gabux lill-intimat Louis Scicluna f'qaghda insolventi jew minorata solvibilita' kif allegat mill-atturi u dan ghaliex il-konvenut Louis Scicluna ghandu proprjetajiet ohra li huma parafernali tieghu,;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti din l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante li l-elementi rikjesti skond l-Artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jissussistux u l-anqas jissussistu l-elementi sabiex tirnexxi l-*actio pauliana*;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, ir-rikors guramentat huwa mizghud b'allegazzjonijiet inveritieri kif ser jigi muri bil-provi fis-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz. Fost dawn l-allegazzjonijiet inveritieri hemm is-segwenti:

    a. Illi primarjament ma hux minnu li l-konvenut Louis Scicluna ha f'idejh ir-riedni tal-gestjoni gurnaljera u tmexxija generali tal-kumpanija b'mod kwazi assolut u ma hux minnu li l-konvenut Louis Scicluna kien jiehu hsieb l-aspett finanzjarju tal-kumpanija. Kontrarjament, it-tmexxija u l-aspett finanzjarju kien kollu f'idejn

Lawrence Scicluna u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz;

b. Illi sahansitra l-istess konvenut Louis Scicluna kien vittma ta' vjolenza domestika morali da parti tal-istess missieru Lawrence Scicluna kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz;

c. Illi ma hux minnu li l-konvenut Louis Scicluna minflok ma kien qieghed ihallas it-taxxa u l-VAT kien qieghed idawwar flus a beneficcju tieghu u/jew izommhom ghalih. Kontrarjament huwa dejjem ghadda l-cash kollu lil missieru Lawrence Scicluna u dahhal fil-kont bankarju tal-kumpanija c-cekkijiet kollha dovuti lill-kumpanija. Kontrarjament ghal dak allegat kien Lawrence Scicluna li kien qieghed juza flus tal-kumpanija ghalih personali u kien Noel Scicluna li kien juza vettura tal-kumpanija u servizzi tal-kumpanija b'mod personali ghalih u ghall-familja tieghu minghajr ma jhallas ghal tali servizz oltre li kien jaghmel uzu minn fuel imhallas mis-socjeta attrici ghall-uzu personali tieghu. Dan kollu ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz;

d. Illi b'referenza ghall-iskrittura datata 14 ta' Marzu 2022, tali skrittura hija nulla ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni kemm ta' dan il-kaz u anke tal-kazijiet l-ohra intavolati u jekk ikun il-kaz ta' kawza appozita ghal dan il-ghan, liema skrittura saret ad insaputa tal-konvenuta Marisa Scicluna u kif ukoll saret b'qerq da parti tal-atturi;

e. Illi inoltre ma hux minnu li l-konvenuta Marisa Scicluna kienet b'xi mod komplici ghall-allegazzjonijiet li qed jintqalu u dan stante li Marisa Scicluna qatt ma dahlet fin-negozju in kwistjoni, qatt ma kienet parti mis-socjeta attrici u sahansitra kienet prezenti biss ghall-vjolenza domestika kemm fil-konfront taghha u kif ukoll fil-konfront ta' zewgha u sahansitra l-anqas kienet taf bl-iskrittura in kwistjoni meta giet ffirmata u saret taf madwar sena wara;

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, jigi rrilevat illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti kif diversjement preseduta tiddikjara li xi ammont huwa dovut mill-konvenut Louis Scicluna jew mill-konvenuti it-tnejn li huma jew f'kaz li jigi dikjarat li kwalsiasi ammont kien jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti, il-kuntratt in kwistjoni tat-terminazzjoni tal-akkwisti m'ghandux jigi dikjarat null, izda ghandu jitqies validu salv li ma jkollux effett li jippregudika terzi u per konsegwenza kwalunkwe allegat djun tal-komunjoni jaqghu fuq il-partijiet individwalment b'mod li z-zewg partijiet ikunu obbligati jaghmlu tajjeb bl-assi taghhom;

9. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante li l-kuntratt li qed jigi impunjat gie maghmul bil-permess u l-awtorizazzjoni tal-Qorti u per konsegwenza ai termini tal-Artikolu 488 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta "*Kontra l-atti magħmulin bil-permess jew bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, ma tistax tinġieb il-prova li l-kunsens ġie mogħti bi żball, jew meħud bi*

*vjolenza jew b'egħmil doluż, jew li l-att kien b'xi mod ta' ħsara jew ta' preġudizzju."*

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti it-tieni talba kif dedotta ma tistax tintlaqa' in kwantu wara l-imsemmi att nutarili kien hemm proprjetajiet li gew trasferiti lil terzi b'kuntratt ta' bejgh u trasferiment;

11. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

B'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.'

Rat illi fil-verbal datat 3 ta' Ottubru, 2024 ir-rikors ġie differit għal-lum għad-deċizjoni preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet f'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi, r-rikorrenti ntavolaw din il-kawża sabiex jattakkaw kuntratt pubbliku ta` separazzjoni tal-beni bejn żewġt miżżewġin, fejn skont ir-rikorrenti dak kien biss intiż sabiex l-intimat Louis Scicluna qua debitur (jew aħjar possibbilment debitur), b'qerq jipprova jikkreaja

sitwazzjoni fejn id-drittijiet tar-rikorrenti qua kredituri (jew aħjar possibbilment kredituri) jiġu preġudikati stante r-rikorrenti jsostnu li l-intimat Louis Scicluna, permezz ta' l-att in kontestazzjoni, cdioe' dak pubblikat in atti tan-Nutar Dr. Maria Mifsud Bonnici nhar it-30 ta' Jannar, 2023, allegatment trasferixxa l' maġġor parti tal-assi tiegħu lil martu cioe' l-intimata l-oħra Marisa Scicluna. Ir-rikorrenti għalhekk qed jitolbu li din il-Qorti tanulla l-kuntratt de quo fit-termini tal-artikolu 1144 tal-Kap. 16 Kodici Ċivili ta' Malta.

Illi, l-intimati resqu eċċezzjoni preliminari fejn talbu lil din il-Qorti tissoprasjedi l-proċeduri odjerni sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri l-oħra intavolati mir-rikorrenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta bin-numri 547/2024AD u 545/2024MS rispettivament.

Illi, stante li l-proċeduri għadhom fi stat bikri din l-Qorti ser tistrieħ biss fuq ir-rikors ġuramentat, r-risposta ġuramentata u in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni biss u xejn aktar.

**Ikkunsidrat fuq l-istitut tas-soprasessjoni:**

Illi, normalment fis-sistema proċedurali nostrana, l-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 793 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jitkellem dwar Konnessjoni ta' kawża ma' oħra, jiddisponi:

> *'Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-*

*oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien.'*

Illi, għalhekk l-artikolu sovraċitat jitkellem biss dwar smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstema flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis*.

Illi, s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema sakemm tiġi maqtugħa.[1] Dan il-punt kien ukoll abbraccat minn din l-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Mallia et vs David Mallia et*** fejn fil-kunsiderazzjonijiet tagħha relatata mad-deċiżjoni datata nhar il- 31 ta' Mejju, 2004 qalet li:

> *'Principju kardinali fil-procedura civili hu li kawza ghandha tinbeda u ghandha tinstemgha sa ma tinqata'. Il-provvediment ta' soprasessjoni hu mizura eccezzjonalissima billi tiffrena l-andament normali ta' kif kawzi ghandhom jimxu.'*

Illi, fil-kawża fl-ismijiet ***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et***. (Kollez. Vol:XXIX.i.1295) deċiża nhar 28 ta` Ottubru 1935, il-Qorti tal-Appell saħqet lis-soprasessjoni trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*:** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) deċiża nhar it-12 ta` Awwissu 1994 il-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali ikkunsidrat l-

[1] Art. 195(1) - Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

eċċezzjoni tas-soprasessjoni, fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-Qrati li jkollhom l-istess mertu.

Illi, fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: XXXII.ii.197) deċiża nhar 23 ta` Jannar 1946, il-Prim` Awla qalet li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment mgħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.

Illi, din l-Qorti tqis li provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[2] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu' jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan. Għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata.

Illi, fil-kawża fl-ismijiet ***Valfracht Roro Line Limited Vs Dr. Louis Cassar Pulliċino noe*** deċiża nhar 10 ta` April 2003, din il-Qorti diversament preseduta, ribadit bosta mill-ġurisprudenza sovraċitata u saħqet li għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra, li diġà tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali, huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-

[2] *Mallia et vs Beżżina et* (Kollez. Vol: LXXIII.ii.338) Appel. Ċivili. 22 ta` Mejju 1989.

soluzzjoni ta' xi punt li minnu ta' bilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf.

**Ikkunsidrat l-eċċezzjoni:**

Illi, fid-dawl ta` suespost din l-Qorti rat bir-reqqa z-żewġt rikorsi u r-risposti ġuramentati ntavolati fil-kawżi bin-numri 547/2024AD u 545/2024MS rispettivament.

Illi fil-waqt li l-kawża odjerna hija bażata fit-termini tal-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta) ossija l-*Actio Pauliana,* l-kawżi bin-numri 547/2024AD u 545/2024MS, nonostante li jeżistu xi elementi li ma l-ewwel daqqa t`għajn (bħal uħud mil-partijiet huma l-istess) b'dana li wieħed jista' jaħseb li huma simili jew possibbilment konnessi jew saħansitra jiddependu minn eżitu ta` xulxin, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li dawk il-kawżi huma totalment indipendenti minn dak li qed jigi pretiż mir-rikorrenti f'din il-kawża. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn ghandha twaqqaf il-kontinwazzjoni tas-smiegħ tal-provi f'din il-kawża intiżi sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-artikolu 1144 imsemmi liema rekwiżiti huma diverżi minn dawk tal-kawżi l-oħra ndikati u r-rimedju mitlub huwa wieħed ferm divers minn dak fil-kawżi l-oħra. Din il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex f'dan l-istadju tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta` l-intimati b'dana li tirriserva li fil-mori tas-smiegħ tagħti direzzjonijiet mod iehor skont iċ-ċirkustanzi u biss jekk ikun il-każ.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni billi tiċħad l-istess u tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegħ tal-kawża.

L-ispejjeż jibqgħu riservati mal-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**30 ta' Jannar, 2025**